# SOĊJETA' FILARMONIKA SANTA MARIJA

ŻEBBUĠ - GĦAWDEX
VO/0238

Ittra No 6/11 Il-Ħadd 11 ta' Diċembru 2011


## O' Ġesu Ħelwa Tarbija...

**Għeżież ħbieb u Benefatturi**

Ix-xahar ta' Diċembru qiegħed igerbeb ukoll, fejn fi ftit jiem oħra ser niċċelebraw it-twelid ta' Ġesu Bambin kif ukoll l-aħħar jiem tas-sena 2011. Din kienet sena fejn flimkien għexna diversi mumenti u b'ħidma, kuraġġ u determinazzjoni għamilna mill-aħjar li stajna biex naraw is-Soċjeta' Filarmonika Santa Marija timxi 'il quddiem. Għalkemm dawn l-aħħar jiem ikunu impenjattivi għal kulħadd, aħna ma qgħadniex lura milli nkomplu norganizzaw numru t'attivitajiet għalikom ilkoll biex flimkien niċċelebraw dawn iż- żminijiet. Għaldaqstant nħeġġukom iżżommu dawn l-appuntamenti magħna f'dawn id-dati u attivitajiet:

**Is-Sibt 17 ta' Diċembru 2011...Serata tal-Milied 2011.** Din hija attivita' ferm popolari u ta' divertiment għall-familji kollha. Programm li jinkludi merħba mill-Father u l-Mother Christmas, magician Malti, farsa, il-Priedka tat-Tifla, kant minn Godwin u Matthew Ċini u l-Kor tat-tfal "Regina Angelorum", ħafna rigali, spotprizes, tifkira lit-tfal kollha u naturalment l-ikel ma jonqosx. Din l-attivita' speċjali ser issir fil-Hall tal-iskola primarja tagħna fejn il-programm dettaljat tqassam f'dawn il-jiem. Il-biljetti jkunu għall-bejgħ mingħand Saliba Store fi Triq Skapuċċina u l-membri tas-Sezzjoni Nisa. Il-gate tal-iskola ser ikun miftuħ biex il-ground jintuża bħala parkeġġ temporanju biex insaħħu l-aċċessabilita' għall-persuni anzjani u b'diżabilita' li jkunu jixtiequ jattendu dawn l-attivitajiet. Din is-sena titilfuhiex u ħeġġu oħrajn jiġu. Trasport b'xejn lura d-dar u għal min jixtieq trasport għal qabel is-serata, huwa ġentilment mitlub javviċina lil xi membru tal-Kumitat biex nagħmlu l-arranġamenti meħtieġa.

**Il-Ħadd 18 ta' Diċembru 2011...**Żjara lil dawk li joqogħdu waħidhom - flimkien mad-Direttur Spiritwali l-Kan. Kant. Dun Karm Ċini ser inżuru lil dawk il-persuni kollha li jgħixu waħidhom fir-raħal taż-Żebbuġ. Filwaqt li nwasslulhom l-awgurju ta' dawn il-ġranet qaddisa, nagħtuhom ukoll tifkira żgħira tal-Milied. Dan l-appuntament din is-sena huwa għal nhar il-Ħadd 18 ta' Diċembru filgħodu bejn id-9.00am u nofs in-nhar.

**Il-Erbgħa 21 ta' Diċembru 2011...**Wirja tal-Milied fil-Każin. B'kollobrazzjoni sħiħa mal-iskola primarja, ser titella' għall-ewwel darba wirja fil-każin b'oġġetti relatati mal-Milied. L-iskop hu li ninkoraġixxu lil tfal żebbuġin isaħħu u juru it-talenti tagħhom filwaqt li aħna bħala Soċjeta' nkomplu ngħinu fl-att edukkattiv. Minbarra lit-tfal, qed infakkru u nistiednu lill-familji li għandhom xi xogħolijiet marbutin mal-Milied bħal presepji, grotti, santi, globi jew bambini antiki u jixtiequ jieħdu sehem f'din il-wirja li jistgħu jġibu l-affarijiet tagħhom nhar it-Tlieta 20 ta' Diċembru bejn it-3.00pm u l-5.00pm. Tistgħu tikkuntatjaw ukoll lil xi membru tal-Kumitat Eżekuttiv. Din il-wirja ser tkun mbierka nhar il-Erbgħa 21 ta' Diċembru fis-1.15 ta' wara nofs in-nhar fil-preżenza tat-tfal kollha tal-iskola tagħna u l-għalliema tagħhom. Il-ħinijiet tal-ftuħ ikunu kuljum mill-5.00pm sas-7.00pm. Infakkru li dawn l-oġġetti mhux ser ikunu f'kompetizzjoni bejniethom u ejjew ma noqgħodux lura u flimkien naħdmu biex din l-inizjattiva tkun suċċess u ta' nkorraġġiment mhux biss għal dawk li jħobbu dawn l-inizzjattivi iżda fuq kollox għal dawk li jżuruna f'dawn il-ġranet ta' festi.

Il-Ġimgħa 23 ta' Diċembru 2011...Purċissjoni u Kunċert tal-Milied. Dan il-Kunċert li issa daħal sew fil- kalendarju tas-Soċjeta' Filarmonika Santa Marija ser jittella' fil-Knisja Parrokkjali bil-parteċipazzjoni tal-kor tat-tfal "Regina Angelorum". Ma ninsewx li dan il-kunċert ser isir wara li l-Banda Santa Marija takkumpanja l-Purċissjoni bil-Bambin li titlaq mid-Dar tal-Museum u tieħu sehem fil-quddiesa li tibda dritt wara. Inħeġġu lil kulħadd biex jiġi għall-purċissjoni tal-bambin Ġesu' u jibqa' magħna għall-Kunċert. L-attendenza tagħkom hija żgur l-aqwa appoġġ u apprezzament għal bandisti tagħna.

**Il-Erbgħa 28 ta' Diċembru 2011...**Adorazzjoni quddiem Ġesu' Sagramentat. Aspett ieħor ferm importanti għas-Soċjetà Filarmonika Santa Marija hu dak spiritwali fejn bil-għajnuna u d-direzzjoni tad-Direttur Spiritwali Kan. Kant. Dun Karm Ċini, nhar il Erbgħa 28 ta' Diċembru 2011 ser norgannizaw siegħa adorazzjoni għall-Bandisti, benefatturi, helpers u membri kollha fi ħdan is-Soċjeta' Filarmonika Santa Marija. Nħeġġu lilkom iż-żebbuġin tingħaqdu magħna, biex matul dawn iż-żminijiet tal-Milied niddedikaw ukoll siegħa għal Ġesu Bambin, fejn ninġabru lkoll miegħu bħala aħwa f'mumenti ta' talb u ferħ.

**Il-Ġimgħa 30 ta' Diċembru 2011...**Ir-Ritorn ta' Bastjan!!! Attivita' ta' divertiment għall-familja kollha imtellgħa mis-Sezzjoni taż-Żgħażagħ tagħna hija l-kummiedja ta' Bastjan...ħa nżommukom bil- kurżita'...ejjew ingħaqdu magħna nhar il-Ġimgħa 30 ta' Diċembru 2011 fil-Hall tal-iskola fit 8:00pm. Id-dħul huwa ta' €3 biss u għat-tfal li għadhom jattendu l-iskola primarja d-dħul huwa b'xejn!! l-gate tal-iskola ser jinfetaħ biex il-ground jintuża' bħala parkeġġ temporanju. Narawkom ħa nidħku daħka flimkien!!



**Il-Ħadd 7 ta' Jannar 2012...Ikla Għall-Ħbieb!!** - ħidmitna hija marbuta wkoll m'attivitajiet soċjali u ta' divertiment bħala rikonoxximent għax-xogħol u sagrifiċċji li jgħaddu minnhom il-bandisti, membri u benefatturi kollha tagħna. Għaldaqstant ser issir 'L-ikla tal-Ħbieb' nhar il-Ħadd 8 ta' Jannar 2012 fis-'Sea Shells' restaurant ġewwa ix-Xlendi f'nofsinhar. B'differenza għas-snin li għaddew u fuq talba ta xi wħud, din is-sena din l-ikla Buffet ser tkun miftuħa għal kulħadd. Il-prezz għal dan il-buffet kbir ser ikun dak €17.50 għal kbar u ta' €10.00 għaż-żgħar (soft drink u tazza inbid inklużi). Ser ikun hemm xalata ta' ikel, xorb u live entertainment waqt din is-serata. Nieħdu ħafna gost jekk tingħaqdu magħna biex flimkien bħala familja waħda ngħalqu il-festi marbuta mal-Milied u l-ewwel tas-Sena 2012.

Ser ikun hemm trasport minn Pjazza l-Assunta li jitlaq f'11:45am. Sabiex ikollna kollox ippreparat u nevitaw il-ħela, nitolbukom biex tikkuntatjaw lil xi membru tal-Kumitat jew tibgħatu sms fuq in-numru 79273580 biex tkkonfermaw l-attendenza tagħkom filwaqt li ngħaddulkom aktar dettalji dwar din l-attivita'.

**Lotterija tal-Pasturi u l-Kompetizzjoni tal-Isbaħ Tieqa**

Nfakkrukom li tqassam pakkett biljetti f'kull dar biex tkunu tistgħu tieħdu sehem f'lotterija ta' sett pasturi kbar u artistiċi li jinsabu għal-wiri fit-tieqa tal-Każin tagħna. Nappellaw biex kull familja tittanta xortiha f'din il-lotterija kbira tal-Milied ta' darba f'sena. Lil dawk li ma sibnihomx id-dar nhar il-Ħadd 11 ta' Diċembru, nitolbukom biex tgħaddu dawn il-biljetti lil xi membru tal-Kumitat Eżekkuttiv sa nhar is-Sibt 17 ta' Diċembru 2011. Bl-għajnuna tagħkom u mill-qliegħ li jifdilna tkunu qed tirrikonoxxu l-ħidma tagħna u tagħmlulna l-kuraġġ inkomplu bl-attivitajiet u proġetti tagħna fix-xhur li ġejjin.

Nappellaw lill-familji Żebbuġin biex jieħdu sehem fil-kompetizzjoni "L-Isbaħ Tieqa fil-Milied" billi jimlew l-applikazzjoni li qed titqassam mall-bullettin u jgħadduha lill-membri tal-Kumitat Eżekuttiv sa nhar il-Erbgħa 21 ta' Diċembru. Ir-riżultat ta' din il-kompetizzjoni jitħabbar fi tmiem il-'Kunċert tal-Milied' fil-Knisja nhar il-Ġimgħa 23 ta' Diċembru 2011. Jingħataw tifkiriet lill-ewwel tliet rebbieħa u dan skond il-ġudizzju mill-membri tal-Għaqda ħbieb il-Presepju. Din il-kompetizzjoni titnieda kull sena bl-iskop li ninkoraġġixxu u napprezzaw il-ħila u t-talenti ta' ħafna familji li għandhom għal qalbhom l-arti tat-tiżjin fid-djar tagħna.

**L-Istrina 2012...Ħarsitna 'il quddiem lejn sena ġdida ta' ħidma**

Bħas-snin li għaddew, nhar il-Ħadd 1 ta' Jannar 2012 ser inkunu nduru dar dar biex niġbru l-istrina. Niddejqu ħafna niġu nħabbtu il-bibien tad-djar imma qed nerġgħu nitolbu l-għajnuna tagħkom biex inkomplu ngħallmu b'xejn it-tagħlim tal-mużika u noffru strumenti lit-tfal, żgħażagħ u bandisti tagħna. Din is-sena numru sabiħ ta' bandisti u aljievi ġodda ngħaqdu magħna u dan huwa kollu frott tal-għajnuna li tagħjtuna intom stess. Il-ftit mingħand kulħadd ifisser għajnuna kbira għalina biex inkomplu noffru servizzi b'xejn lill-Paroċċa tagħna kif ukoll inkunu ta' sapport fl-attivitajiet mużikali, soċjali, edukattivi u kulturali ġewwa ir-raħal tagħna.

**Xewqa u Ħsieb mid-Direttur Spiritwali....tagħlima għal ħajjitna!!**

Id-Direttur Spiritwali Kan. Kant. Dun Karm Ċini jixtieq jappella u jħeġġeġ lill-membri tal-kumitati, bandisti, aljievi, soċji u benefatturi tas-Soċjeta` Filarmonika Santa Marija sabiex f'dawn il-jiem ta' festi niġġeddu lkoll spiritwalment billi nersqu għall-qrara sinċiera u nqaddsu l-festa bi tqarbina xierqa.

Sirt dgħajjef mad-dgħajfin...biex nirbaħ id-dgħajfin

San. Pawl lill Korintin

**GRAZZI ILKOLL U TA' KOLLOX!!** Għal din is-sena, din l-ittra ser tkun l-aħħar okkażżjoni fejn bħala Soċjeta' Filarmonika Santa Marija nibgħatu ninfurmawkom dwar dak li qed jiġri fi ħdan is-Soċjeta' u l- banda tagħna. Il-kelma grazzi f'dawn l-aħħar xhur żgur ma naqsitx, u hekk nixtieq nagħlaq b'ringrazzjamenti, gratitudni u l-isbaħ xewqat lilkom kollha li tagħtuna l-appoġġ kontinwu. Inselli b'mod speċjali lil sħabi tal-Kumitat Eżekuttiv kif ukoll lill-membri kollha tas-Sotto Kumitati tan-Nisa u taż-Żgħażagħ, lill-bandisti, surmast u assistent surmast, soċji, membri, voluntiera, emigranti u ħbieb. Napprezzaw il-fatt li ħafna nies matul din is-sena iddedikaw ħafna ħin għall-banda tagħna. Nirringrazzjaw lill-familji tagħna kollha tas-sagrifiċċju. Fl-aħħar, imma żgur mhux l-inqas nirringrazzjaw lill-Arċipriet tal-parroċċa l-Kan. Dun Reuben Micallef tal-għajnuna kbira u sapport qawwi li sibna minn għandu matul is-sena kollha. Insemmi wkoll lill-kunsill lokali u l-għaqdiet kollha taż-Żebbuġ tal-kooperazzjoni.

F'isem il Kumitat Eżekkutiv, Sezzjoni Nisa u Sezzjoni Żgħażagħ, minn qalbna nawguraw il-Festi t-Tajba lilkom u lill-familji tagħkom u ejjew ħalli flimkien niċċelebraw fi spirtu t'għaqda it-Twelid tas- Salvatur tagħna, ĠESU' BAMBIN.

Tislijiet

Marnol Sultana
Segretarju